**Kunsill Lokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## L-Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 13

**30 t' April 2025**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar L-Erbgħa 30 t' April 2025 fl-4:30 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Keith Galea - | Kunsilliera |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

| | |
|---|---|
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Joeline Attard - | Kunsilliera |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 13 għal-għaxar leġislatura

| | |
|---|---|
| **13.1** | **Qari ta' l-ittri ta' apologiji** |
| **13.01.01** | Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittri t'apoloġiji tal-kunsillier Malcolm Gatt u tal-kunsilliera Joeline Attard |
| **13.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 13.02.01 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 12/2025, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u ġew issekondati mill-kunsillier is-Sur Keith Galea. |
| **13.03** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 13.03.01 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li reġgħet intbgħatet talba mill-barman tal-każin tal-banda dwar parkeġġi għal-muturi fi Triq il-Vitorja mill-kantuniera ta' triq San Ġiljan il-Ġimgħa filgħaxija għall quddiem il-każin iżda qablu li jingħata parkeġġ fuq l-unloading biss u jekk irrid jiftiehem ma Transport Malta sabiex ikollhom permess jipparkjaw f' Boiler Wharf. |
| 13.03.02 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li s-segretarju eżekuttiv attendiet għal-laqgħa online sabiex il-kunsill japplika għall-fondi minn Pjazza għall-Pjazza mid-diviżżjoni ghall-Gvern Lokali b'kollaborazzjoni mill-ministeru għall-arti għall-kunsilli biex issir attivita tista issir bejn Ġunju sa' Novembru 2025. Il-Kunsill qablu li din għandha issir għall-Ottubru 2025. Min jintgħażel hemm allokat għall din l-attivita 25,000 ewro u ser jintgħażlu għaxar kunsilli biss. Is-Sur Keith Galea issuġġerixa li jiġu eżebiti pitturi u arti lokali f'din l-attivita. |
| 13.03.03 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li ser jibgħat il-Minuti tal-laqgħa tar-Reġjun Port li s-sindku kien preżenti għal din il-laqgħa. |
| 13.03.04 | Is-Sindku informa lil kunsillier li attenda għall-laqgħa mal-istudenti tal-EKO Skola. |
| 13.03.05 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li flimkien mas-segretarju eżekuttiv iltaqgħu ma l-għaqda tal-festa u mal-perit Owen Baldacchino sabiex issiru arbli tal-festa fuq il-letrini tax-xatt fejn iddur il-Bambina għax-xatt. Dawn l-arbli ser jibqgħu hemm permanenti sabiex issir pavaljun tad-dawl. |

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dan u l-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia issuġġerixa li jsiru żewġ bnadar fit-truf tat-taraġ. |
| 13.03.06 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li flimien mas-segretarju eżekuttiv attendew għall-konferenza f' Ta' Qali fl-MFCC dwar l-indafa. |
| 13.03.07 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li bagħat l-invit għall-Jum L-Isla għall-5 it-Tnejn fis-7.00pm fis-sala tal-kunsill u 7 ta' Mejju 2025 ser jirċievu invit minn kastilja sabiex jiġi inawgurat il-Forti San Mikiel kif ukoll għat-8 ta' Mejju 2025 li ser ikun hemm il-quddiesa fis-6.00pm. |
| 13.03.08 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill irċieva imejl minn għand individwu sabiex jarma DJ u Bar il-ponta bejn 1:00pm u is-6:00pm fir-regatta. Is-Sindku informa lil kunsilliera li fir-regatta jkun hemm is-sound tar-regatta għalhekk din it-talba ma ġietx approvata waqt din il-laqgħa. |
| 13.03.09 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera preżenti li is-Sur Manuel Dalli talab permess li għas-sena 2026 issir peagent tal-Ġimgħa l-Kbira fit-toroq ta' madwar l-Isla. Il-Kunsilliera preżenti qablu iżda jerġgħu jitkellmu meta jkun qorob iż-żmien sabiex jaraw it-traffiku kif ser jiġi affetwat. |
| 13.03.10 | Is-Sindku informa l-kunsilliera li l-kunsill bagħat il-minuti tal-laqgħa tal-Fondazzjoni Kottonera sabiex il-kunsilliera kollha jkunu jafu x'intqal f'din il-laqgħa. |
| 13.03.11 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mad-dottoressa Ivana Legname ħadmu fuq applikazzjoni ta' proġett sabiex japplikaw għall-fondi ewropea. Is-sindku informa wkoll lill-kunsilliera li s-segretarju eżekuttiv ser tatendi għall-konferenza fil-Lithunia flimkien mas-segretarju eżekuttiv ta' Bormla mill-fondi tal-Horizon Xjenza Malta sabiex jaraw kif jistgħu issibu għaxar partners minn pajjiżi barranin li huma fil-Mission Cities sabiex japplikaw għall-proġett ta' studju dwar mobilita u tibdil tal-klima. |
| 13.03.12 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li flimkien mas-segretarju eżekuttiv ser issir laqgħa virtwali mal-GRECO dwar proġett ieħor mill-EU. |
| 13.03.13 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet lil-kunsilliera kollha ir-risposta tal-Management Letter lil-awdituri permezz ta' imejl sabiex japprovaw. Is-segretarju Eżekuttiv spjegat lil kunsilliera li fir-risposta ta' l-awdituri spjegat li l-fondi ta' Triq il-Ponta ġew trasferiti għall-mantenzjoni tal-letrina tax-xatt. Kif ukoll dwar il-proġett tal-MDIA li dan il-proġett tal-Ewropa għadu għaddej. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din l-ittra. |
| **13.4** | **Mozzjonijiet** |

| | |
|---|---|
| **13.4.01** | Is-Sindku ipropona li l-kunsill ser japplika għall-iskema SPI.SCI.02.2025 /2026 għall-kultura sabiex issir attivita fil-Gardjola. Il-Viċi Sindku issekonda u l-kunsillier Keith Galea qabel ma din l-attivita li ser issir f' 8-9 Awissu 2025 b'isem Leħen il-Gardjola. Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-reżoluzzjoni sabiex tiġi iffirmata u tiġi annessa ma l-applikazzjoni. Kif ukoll ġie diskuss sabiex il-kunsill japplika għall-iskema SPI.SCI.04.2025 – Espressjoni ta' interess – Milied 2025, il-kunsilliera preżenti qablu u ġie iffirmata ir-reżoluzzjoni minn għand il-proponent is-Sindku is-Sur Clive Pulis u sekondant il-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia. |
| **13.05** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| | Ma Kienx hemm |
| **13.06** | **Rapporti** |
| 13.06.01 | Is-segretarju eżekuttiv preżentat il-Quarterly Financial Report għall-ewwel kwart. Spjegat in-nefqa tal-kunsill għall-ewwel kwart tas-sena skond ir-rapport li bagħtet l-accountant tal-kunsill li ġie mibgħut lil kunsilliera kollha permezz ta' imejl. Il-Kunsilliera preżenti approvaw dan ir-rapport. |
| 13.06.02 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl rapporti tal-*Purchase Order* ta' Marzu 2025 u l-petty cash ta' Marzu 2025 fejn ġew approvati mill-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill- kunsillier is-Sur Keith Galea. |
| **13.07** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 13.07.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 04/2025 għal-għaxar leġislatura fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mill-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill- kunsilliera is-Sur Keith Galea. |
| **13.08** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 13.08.01 | Is-Seduta ntemmet wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 27 ta' Mejju 2025 fl-4:30pm. |

Konfermati, illum 27 ta' Mejju 2025________

IFFIRMATA____________
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA___
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv